MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 18/2009

**Alfred Zahra**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Mejju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datat 30 ta' Settembru 2008.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-risposta ta' l-appell tad-Direttur tal-20 ta' April 2009, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

> Ikkunsidra:
>
> Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-30 ta' Settembru 2008, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant kellu jirrifondi lura lid-Dipartiment l-ammont ta' €1692.50 fl-Ghajnuna ghall-Mard li huwa kien ircieva ghall-perjodu mit-13 ta’ Marzu 2004 sas-27 ta’ Jannar 2006, u dana minhabba li huwa ma attendiex l-ufficcju distrettwali meta kien mitlub li jaghmel hekk.
>
> Jirrizulta car li l-appellant naqas li jwiegeb ghas-sejhiet tad-Dipartiment, u ma kienx mar fl-Ufficcju Distrettwali meta gie mitlub diversi drabi sabiex jaghmel peress li d-Dipartiment kellu bzonn xi informazzjoni minghandu. Ghalhekk jidher illi d-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi.
>
> Ghal dawn il-motivi, id-decizjoni tad-Direttur hija gusta u timmerita konferma, u dan l-appell qed jigi michud.”

L-appell tar-rikorrenti Alfred Zahra fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu fis-sens illi n-nuqqas ikkonfrontat lilu li ma wiegebx ghas-sejhiet tad-Dipartiment ma kellu ebda bazi fil-provi u konsegwentement l-Arbitru ma messux iddetermina illi d-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi;

Il-fatti ewlenin ta’ dan il-kaz kienu dawn:-

(1) L-appellanti kien jircievi Ghajnuna ghall-Mard in bazi ghall-applikazzjoni tieghu tal-10 ta’ Marzu, 2004;

(2) B’ittra tat-30 ta’ Settembru 2008 d-Direttur appellat talbu r-rifuzjoni ta’ dak li thallas lilu ghall-perijodu mit-13 ta’ Marzu 2004 sas-27 ta’ Jannar 2006. Dan ghal motiv illi skond kif allegat fl-istess ittra, l-appellanti naqas li jmur l-Ufficcju Distrettwali meta gie mitlub jaghmel dan.

Ghal precizazzjoni, kif jinzel mid-dikjarazzjoni tar-rapprezentanti tad-Direttur fil-kors ta' l-appell tal-beneficjarju devolut lill-Arbitru, l-avvizi li ntbaghtu lill-appellanti kienu dawk datati 16 ta' April, 2008 u 26 ta' Awissu, 2008;

(3) L-appellanti jinnega li rceva dawk l-avvizi u, anzi jghid illi meta f'okkazjonijiet ohra gie msejjah biex jattendi huwa dejjem adempixxa ruhu. F'dan il-kuntest huwa jispecifika l-okkazjoni fejn gie mitlub jipproduci kopji tal-kuntratt tal-bejgh tal-fond li kellu B'Bugia. Dan kif ikkonfermat ukoll mir-rapprezentanti tad-Direttur fl-unika seduta ta' l-24 ta' April, 2009 quddiem l-Arbitru;

Premessi dawn il-fatti ma jidherx li hu necessarju illi anke f'dan il-kaz jinghad b'ripetizzjoni illi dmir imprexxindibbli ta' kull beneficjarju hu dak li, ghall-oghla sens ta' korrettezza, jikkopera mad-Dipartiment billi jadempixxi l-obbligazzjonijiet tieghu. *Inter alia*, li jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rikjesta jew li jattendi fl-Ufficcju Distrettwali meta hekk mitlub jaghmel. Ara Artikolu 97 (1) (b) tal-Kapitolu 318. Ara wkoll id-decizjoni fl-ismijiet "**Julie Vassallo -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", kontestwalment deciza;

Ragonevolment, ghandu jkun presuppost illi biex jiskatta t-telf tat-tutela tad-dritt u ta' xi reperkussjoni konsegwenzjali, l-assistit irid jigi qabel xejn debitament notifikat bl-appozitu avviz rikjedenti minghandu l-informazzjoni pertinenti jew biex jattendi fl-Ufficcju. L-Att principali ma jidherx li jikkontempla bi provvediment specifiku u perentorju ghall-forma ta' kif ghandha ssir in-notifikazzjoni ta' l-avviz, anke jekk f'xi disposizzjonijiet tirreferi ghall-"posta registrata" (ara Artikolu 109 (2) fil-kaz tan-notifikazzjoni tas-sentenza ta' l-Arbitru). Fil-kaz partikolari lanqas ma hu saput illi d-Direttur appellat ghazel dan il-mezz postali ghax kull ma jinghad hu li ntbaghtu zewg avvizi (ara wkoll Minuti interni tad-Dipartiment a fol. 15), presumibilment bil-pustagg ordinarju;

Jinghad mill-ewwel illi din il-Qorti mhix lesta li leggerment tikkuntenta ruhha bis-semplici dikjarazzjoni li l-avvizi ntbaghtu imma ghandu jirrizultalha c-certezza illi dawn tabilhaqq intbaghtu u, ukoll, li twasslu lid-destinatarju li lilu dawk l-avvizi kellhom ikunu komunikati. L-oneru li dan hekk sar f'dan il-kaz jaggrava fuq spallejn id-Direttur;

Issa mill-inkartament tal-kaz zewg aspetti huma ben evidenti, u, cjoe:-

1. L-izmentita kategorika ta' l-appellanti illi hu qatt ma gie notifikat bl-avvizi tas-16 ta' April, 2008 u tas-26 ta' Awissu, 2008. (Ara l-kontenut ta' l-appell tieghu lill-Arbitru u l-istqarrija ddikjarata tieghu fis-seduta ta' l-24 ta' April, 2009;

2. Il-mankanza da parti tad-Direttur appellat li jipproduci prova konkreta u korroborattiva ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu illi hu dawk l-avvizi kien baghthom lill-appellanti;

Konsiderati flimkien dawn l-aspetti u wara li qieset ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti thoss li l-aggravju lilha sottomess jisthoqqlu li jigi milqugh. Dan wara li l-Qorti ghamlet ir-riflessjonijiet segwenti:-

1. Konsiderata l-konsegwenza ghall-appellanti-beneficjarju ghall-fatt ta' l-asserita non-kolloborazzjoni tieghu, il-prova tan-notifikazzjoni ta' l-avvizi riedet, per forza, tkun wahda certa, ezatta u konvincenti. Dan anke ghaliex f'materja hekk importanti ta' notifikazzjoni jew komunikazzjoni ta' avvizi, ma jidherx li jistghu qatt ikunu ammessi l-ekwipollenti;

2. Naturalment, b'daqshekk, il-Qorti ma trid tixhet ebda dubju jew ombra fuq l-efficjenza tad-Dipartiment jew ta' l-impjegati tieghu. Qed tghid biss li ried jigi assikurat lilha, bil-prova debita, illi l-avvizi effettivament intbaghtu fil-lok tar-residenza indikat, u li twasslu fid-destinazzjoni fejn

kellhom jaslu. Minn dan kollu fl-inkartament ma nsibu xejn. Huwa mankanti ghal kollox il-kopji ta' l-avvizi u nieqsa wkoll kull indikazzjoni li effettivament twasslu lid-destinatarju;

3. Kieku kellu imbaghad jigi mfittex xi argoment li jaghti sostenn u fidi lill-versjoni ta' l-appellant illi hu dawk l-avvizi ma rcevihomx, ghaliex li kieku ma kienx jinjorahom, dan ghandu jinsab fil-fatt iddikjarat minnu quddiem l-Arbitru, accettat u kkonfermat mir-rapprezentanti ta' l-istess Direttur, illi meta, fl-istess intervall ta' zmien li fih kien qed jircievi l-beneficcju hu gie avzat biex jipproduci d-dokument relattiv tal-bejgh tal-fond, dan hu ma naqasx li jaghmlu. Dan b'referenza ghall-kuntratt ta' bejgh tal-fond f'B'Bugia li kopja tieghu twasslet mill-appellanti fit-3 ta' Ottubru, 2007 fl-Ufficcju Distrettwali. Ghall-Qorti dan hu argoment ta' piz li, potenzjalment, jissufraga l-versjoni ta' l-appellanti li hu ma rceviex il-predetti avvizi;

4. Finalment, il-Qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn, fejn tezisti konflittwalita` u dubbju serju jekk l-avvizi ntbaghtux jew gewx ricevuti, ghandha ttendi favur minn jallega li ma rceviex in-notifikazzjoni taghhom, anke in omagg ghal principju primarju u fundamentali ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*.

Ghall-konsiderazzjonijiet kollha su-indikati, din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata ta' l-Arbtiru, u konsegwentement, ukoll id-decizjoni tad-Direttur appellat. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------